Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-11 ta' Ottubru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**
**Versus**
**Joanne Borg**
**(427498M)**

**MAC-00151-2020-6**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Joanne Borg** bil-karta ta' l-Identita Numru **427498M**, talli bejn it-23 ta' Frar 2020 u s-27 ta' Frar 2020 gewwa s-Siggiewi.

B' diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kissru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imesjjah reat kontinwat (Kap 9, Artiklu 18).

1) irrifjutat li taghti access lil wild taht il-kustodja taghha lil David Abela, hekk kif ordnat mil-qorti jew hekk kif marbut bil-kuntratt minghajr raguni xierqa (Kap 9, Artikolu 338(ll)

Rat l-affidavit ta' PC 1458 Malcolm Fenech mmarkat bhala Dok SM1.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda tal-*parte civile* David Abela.

Semghat it-tratazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-24 ta' Mejju 2021, xehed l-*parte civile* David Abela fejn qal illi hu kellu relazzjoni ma' Joanna Borg, l-imputata, u kellhom zewg itfal li ghandhom hmistax u tlettax-il sena. Hu kien ghamel rikors il-Qorti u b'digriet datat 13 ta' Lulju 2020, li gie pprezentat u mmarkat bhala Dok DA1, kien inghata access. Hu kien ghamel rapport li ma' kienx inghata access, fit-23 u 27 ta' Frar 2020 ghax dakinhar kien mar jigbor lit-tfal mid-dar ta' omm Joanne Borg fejn jirrisjedu gewwa Siggiewi u t-tfal lanqas hargu. Hu kien jmur wara l-bieb ta' barra u jdoqq il-horn, ghamel 20 minuta jistenna u cempel lit-tifla fuq il-mobajl u ma' rrispodewx. Ix-xhud qal illi hu ma' daqqx il-qanpiena tal-bieb, ghax ma' jersaqx lejn il-bieb. Wara mar l-ghassa jirraporta u l-Pulizija ghamlu kuntatt ma' l-imputata li wahlet fit-tfal li ma' ridux jmorru mieghu. Ix-xhud kompla jghid illi fis-27 ta' Frar 2020 gara l-istess haga u l-Pulizija qalulu li kienu kkuntatjaw lil imputata. Fil-kontro ezami, l-*parte civile* kkonferma illi kien mar ghall-access u cahad illi qatt kien waqaf milli jmur ghall-access. Mistoqsi dwar rapport ta' child protection u l-Appogg, fejn it-tfal kienu imbezzghin li jmorru ghal-access, ix-xhud wiegeb illi l-Appogg qatt ma' qalu hekk. Mistoqsi ghalfejn ma' habbatx il-bieb, hu wiegeb li ma' jersaqx lejn il-bieb ghax kienu inqalghu hafna problemi f'dawn l-ahhar hames snin. Hu kien cempel fuq il-mobajl tat-tifla li ghandha hmistax-il sena u mhux tal-imputata ghax ma jitkellmux.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti wara li semghat ix-xhieda u rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, specjalment id-Dokument mmarkat DA 1 fejn jirrizulta illi l-*parte civile* naqas milli jipprezenta dokument ufficcjali tal-Qorti fejn jidher illi fid-dati li rrapporta kellu l-access ghall-minuri, hija konvinta illi l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-imputata ma' gewx ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti, qed issib lil imputata **mhux hatja** ta' l-akkuzi migjuba kontriha u qed tilliberaha minnhom.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat